# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors numru: 3/2022 BS**

**LM**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao**
**li b'digriet tas-6 ta' Lulju 2022**
**ġie maħtur bħala kuratur deputat**
**sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra martu**
**li minnha legalment separat**
**SBMM**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' LM illi ppremetta:**

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-seba ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (7.5.2017) u minn dan iż-żwieġ ma kellhomx ulied;

2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-ħmistax ta' Marzu tas-sena elfejn

u tmintax (15.3.2018) wara li ġew debitament awtorizzati jaddivjenu għall-istess kuntratt in forza ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-ewwel ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (1.3.2018) Digriet numru 21/2018PCfl-atti tal-ittra numru 115/2017PC fl-ismijiet LM vs SBM;

3. Illi kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni tinsab hawn annessa u markata bhala dok A;

4. Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom u dan minbarra l-fatt li ilhom snin mifrudin u llum jgħixu ħajja kompletament u totalment separata minn xulxin u jgħixu f'pajjiżi differenti;

5. Illi ma hemm ebda pendenzi bejniethom għaliex kollox gie regolat permezz tal-kuntratt fuq imsemmi.

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tilqa' t-talba għall-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet u allura tippronunzja divorzju bejniethom;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan preavja kull direttiva li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna.

**Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Kevin Mompalao bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti SBMM illi eċċepixxa:**

1. Illi l-esponenti għalkemm kien involut bħala Avukat bejn il-partijiet mhux edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża;

2. Illi l-esponenti rnexxilu jagħmel kuntatt ma l-assenti u din infurmatu illi hi mhux topponi għad-divorzju tant li hi għamlet proċeduri simili f'pajjiżha, iżda trid tirriverti għal kunjhom xbubitha u ċioe' 'M';

3. Illi għalhekk jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti salv dak li jista' jiġi eċċepit fi stadju ulterjuri;

4. Illi l-eccepjenti ma għandux ibaghti spejjes ta' din il-proċedura.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' l-attur.

Rat ir-risposta tal-konveuta li biha tiddikjara li mhux jopponi t-talba u titlob in oltre li tirriverti lura għal kunjom xbubitha "M".

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fil-15 ta' Marzu, 2018. Minn qari kemm tar-rikors ġuramentat kif ukoll tar-risposta jirriżulta b'mod ċar minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

Rat ukoll illi fir-risposta tagħha l-konvenuta ma hix qed topponi t-talba ta' l-attur anzi titlob ukoll li tirriverti lura għal kunjom xbubitha.

Rat ukoll li jirriżulta li l-partijiet ma kellhomx ulied u li ma hemmx pendenzi bejniethom.

**Deċde.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-attur u fil-waqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Tilqa' t-talba tal-konvenuta sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha "M" u għalhekk tavża wkoll lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bit-tibdil fil-kunjom tal-konvenuta, fis-sens li minflok "MM" hija issa se tassumi l-kunjom "M".

Spejjeż mingħajr taxxa għandhom jitħallsu mill-attur.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur